Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2025/1722

8.8.2025

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/1722

**tal-31 ta' Lulju 2025**

**li jistabbilixxi l-għeluq tas-sajd għat-tonn fl-Oċean Atlantiku, fil-Lvant ta' 45° W, u fil-Mediterran għall-bastimenti li jtajru l-bandiera Griega jew li huma rreġistrati f'dak il-pajjiż**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema tal-Unjoni ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 36(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2025/202 ([2]) jistabbilixxi l-kwoti għall-2025.

(2) Skont l-informazzjoni li rċeviet il-Kummissjoni, il-qabdiet tal-istokk tat-tonn fl-Oċean Atlantiku, fil-Lvant ta' 45° W, u fil-Mediterran mill-bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Greċja jew li huma rreġistrati f'dak il-pajjiż, eżawrew dik il-kwota għall-2025.

(3) Għalhekk, jeħtieġ li jiġu pprojbiti ċerti attivitajiet tas-sajd għal dak l-istokk,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Eżawriment tal-kwota**

Il-kwota tas-sajd allokata lill-Greċja għall-2025 għall-istokk tat-tonn fl-Oċean Atlantiku, fil-Lvant ta' 45° W, u fil-Mediterran imsemmija fl-Anness, għandha titqies li hija eżawrita mid-data stabbilita f'dak l-Anness.

*Artikolu 2*

**Projbizzjonijiet**

L-attivitajiet tas-sajd għall-istokk imsemmi fl-Artikolu 1 minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Greċja jew li huma rreġistrati f'dak il-pajjiż, għandhom jiġu pprojbiti mid-data stabbilita fl-Anness. B'mod partikolari, għandu jkun ipprojbit li jinżamm abbord u jsiru rilokazzjoni, trażbord jew ħatt l-art tal-ħut minn dak l-istokk maqbud minn dawk il-bastimenti wara dik id-data.

([1]) ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.
([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2025/202 tat-30 ta' Jannar 2025 li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2025 u l-2026 għal ċerti stokkijiet ta' ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni, u li jemenda r-Regolament (UE) 2024/257 fir-rigward tal-opportunitajiet tas-sajd għall-2025 (ĠU L, 2025/202, 31.1.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2025/202/oj).

*Artikolu 3*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-31 ta' Lulju 2025.

*Għall-Kummissjoni*
*F'isem il-President*
Dubravka ŠUICA
*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS*

| | |
|---|---|
| Nru | 06/TQ202 |
| Stat Membru | Il-Greċja |
| Stokk | BFT/AE45WM<br>(inklużi l-kundizzjonijiet speċjali BFT/*641, BFT/*643, BFT/*8301, BFT/*8302, BFT/*8303F) |
| Speċi | Tonn (*Thunnus thynnus*) |
| Żona | L-Oċean Atlantiku, fil-Lvant ta' 45° W, u fil-Mediterran |
| Data tal-Għeluq | 6.6.2025 |